# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**162.** **21 ta' OTTUBRU 19[illegible].** **IR-RABA SENA**

FTEHIM.

**Ħadd ma jista jissieħeb għal anqas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallanqas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur: l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

# FL-AMERICA.

Illi l-aħjar pajjis fejn ŭieħed jista jemigra hu l-America il-lum hi ħaġa li kablu fiha daŭc collha li kiegħdin jistudjaŭ biex jaraŭ chif jagħmlu xi ftit ta'l ġid lil min haŭn f'Malta ma hux kiegħed ijsib ħobż b'iż-żejjed għall familja tiegħu. Mela bl-istudji u il qûestjonijiet li tkanklu s'issa ġa sar xi ġid għaliex b'hecc cull min ijrid jemigra ma jokgħodx jicteb u jħabbel rasu hu biex jara fejn ijmur.

Iżda ŭieħed nistħajjel li malajr jistaksi: «L-America cbira tant, għax ma tgħidulniex seŭŭa f'liema pajjis tagħha immorru?» Biex ŭieħed ijŭieġibcom chif jixrak kiegħdin ijsiru ħafna studji u corrispondenzi li minnhom għal issa nieħdu dan.

* * *

Fuk il Californja raġa chiteb ittra tŭila oħra Fenech ta' S. Francisco l'it-Tabib Mattei u li fiha għarrfu li f'dac il pajjis hemm cull risk, u li ix-xogħol kiegħed joctor minn ġurnata għall oħra u li cull min ŭasal minn Barra sab ix-xogħol m'il agħda stess li medd riġlu hemm.

Kallu li chemm il malti mar hemm minn sitt xhur l-haŭn collha kiegħdin jaħdmu u li l-emigranti maltin kiegħdin jiżdiedu billi dana l-aħħar marru boton seŭŭa m'il Mosta u m'in-Naxxar. Hemm tliet familji u tliet nisa maltin u il maltin collha li hemm kiegħdin jaħdmu l-actar f'il fabbrichi ta's sement, ta'z-zoccor, f'il barrieri, f'il ħbula, f'il frott ta'l landi, f'il bini u f'il ferroviji, f'it-torok u f'is-sapun, f'ir-restaurants, f'il ħjata, f'il-laħam, sajd, ġonna u ħŭejjeġ oħra bħal daŭn.

Iż-żgħażagħ jaħdmu f'il ħbula u jakilgħu minn sitta sa tmien xelini cull jum u jistgħu ucoll jieħdu ix-xogħol id-dar ŭara il ħin ta'l fabbrica u b'hecc jakilgħu barrani u jistgħu jiżdiedu. Min hu għażeb b'iż-żejjed jaħdem tliet xhur f'is-sena u min għandu il familja sitt xhur biex ijcun jista jgħix is-sena collha; u ma jbatix actar minn haŭn għaliex ma jaħdemx actar minn tmienja sa disa siegħat cull jum. F'xi bliet tista ticri dar sabiħa bi tnax il-lira u il ħajja hi irħisa tasseŭ. F'San Francisco kiegħed ijsir ħafna bini għal l-Esposizjoni u jdum ijsir għal erba snin oħra sgur. Il Maltin ta'l California ingabru u għamlu l-eŭŭel xalata flimchien. Dana juri li jingiebu ħafna bejniethom u li il cull min ijmur hemm ijgħinuh tasseŭ.

L-ittra li minnha ħadt daŭna l-aħbarijiet hi din u li it-Tabib Mattei talabni li inġibha chif irhi bl-ingliż ucoll biex ŭieħed ijcun jista jithem aħjar chemm hu ta' ġid għal daŭc il Maltin li ma jsibux x'jagħmlu haŭn f'Malta li jmorru f'il California.

*Sampson Street, 539.*
*S. Francisco, California, U.S.A.*

*Dear Dr. Mattei,* *1st September, 1911.*

*I am in receipt of your letter of July 26th and am very glad to hear from you. On the other hand I am very sorry to hear from you about the present financial state of our Island. Your struggling efforts towards accomplishing a Maltese colony in California are highly commended and appreciated by all of us here.*

*Conditions with us here are very bright, improving and expanding of late and for the last 6 months all who came here were set to work the day following their arrival. The last lot came from Musta and Naxaro and are all occupied. We have three Maltese families and three women natives of Malta. Besides few that are in business, two farmers, one orchardist and one fisherman, the men are distributed as follows:*

*At cement works factories, sugar works, stone quarries, fruit cannaries, rope works, section hands for railroads, building construction, sewers, streets and roads grading. soap works, house recking Company. Spring water Company. Union Iron Works, fertilizing works, tallow works, hog ranches, Miller & Lux, wholesale butchers, restaurants, Levie & Strauss, shirt and overall factory. Western Meat Coy. etc. etc.*

*The youngest of our colony are all occupied at the rope works and the wages paid them are from dollar 50 cent. to 2 dollars a day. These are the first Maltese to work in this big establishment. These youths before being given the job, were warned that unless they promise that they will stay with their job and not quit soon, they would rather not be engaged at all. They all have a good chance of learning English and getting promoted. They can also take piece work after their regular hours.*

*With reference to those who first arrived here and grumbled that the work was hard and sent bad letters, and afterwards corrected themselves writing that they were satisfied with their work and doing well, the idea is this. All new arrivals more or less are subject to a chaos in their new surroundings and they don't get over it before they begin to see in hand some Californian Double Eagles (Dollars). After that they get tickled to death, forget the hard work and begin to realise what a great country California is and to see that a single man need only work in California 3 months and the married man 6 months in a year to make both ends meet and they all begin to say that in Malta they have to work all the year round from morning till night and are always backwards. The working hours here are for men 8 to 9 hours a day and for women 8 hours a day. The Californian State Legislature passed a law which is now in effect that no one can employ a woman for more than 8 hours a day except in places where they are employed on perishable goods, such as fruit cannaries.*

*With reference as to which would be the best place for families to come here I suggest as a preliminary arrangement that Butcher Town is the most adaptable place for living from an economical point of view. Here they can rent a good house for from 5 to 8 dollars a month, they can buy meat and other food very cheap, they can get the fire-wood free, they can catch fish if they have time to go after it near by. They can keep a cow or more, goats, etc. which would cost them nearly nothing, as there is always plenty of grass on the hills near by. They can also keep chickens etc. The husband, boys and girls would work round the town.*

*Building operations in the city are very active for the Exposition Buildings, which works are sure to last till the opening of the Exhibition in 1915. Extra work will commence at the first of the year 1912.*

*We have already planned the first Maltese Reunion and the first picnic of all the Maltese in California. I have many other things to tell you, but have to close so that this letter might reach you early, as you are anxious to know how we all stand.* *Yours sincerely*

JOSEPH FENECH.

* * *

Il kalbieni u intelliġenti Dun Ġorġ Caruana, bin is-Sinjura Carm ta'l *Crystal Palace* ta' Ta's-Sliema u li kiegħed Cappillan f'ir-Rectory of Our Lady of Mercy ta' Brooklyn (New-York) bagħatli dina l-ittra li minnha nieħdu xi aħbarijiet oħra fuk l-America u chemm jagħmlu ħażin daŭc li jitŭebblu jmorru il Brażil bħal ma ħajjarhom is-Sur Vadalà.

* * *

*Sept. 29th, 1911*

*My dear Augustine : —*

*It is some weeks ago now that I received your kind post card which I welcomed with pleasure and for which I am most thankful to you. You certainly have every reason to complain of my silence, but, rest assured, I am not wholly to blame. My work in this parish is very heavy and permits me very little time for any correspondence.*

*Besides parish work I attend the City Hospital and the City jail, where I come in contast with the famous blackmailers and kidnappers. Of course I take my regular turn of duty on the Ambulance calls and all Italian, Spanish and Syrian emergency calls as well, so that I am on the go most of the time. Still I am happy and enjoy this work more than I would loafing up and down Sda. Reale.*

*We have quite a colony of Maltese now and I am glad to repeat that most of them are doing well. The active, hard-working and sensible ones found a good field for their energy and acquired positions within a few weeks and sometimes a few days after landing. Pluck, push and perseverance in a young man coming to this country entail success.*

*Machinists, mechanics and artisans find work readily enough, provided they know some English. Men of this class should not come here unless they can, at least, make themselves understood.*

*For clerks, writers and office boys there is utterly no room. The girls do all clerical work and at low salaries, notwithstanding that they know stenography and typewriting, which our young man does not know. It is useless for men advanced in age, i.e., above thirty and without a trade to land in New York. He will either have to satisfy himself with a boy's salary or starve. Young men always have a better chance, because, if energetic, they will create their own position and grow in it.*

*Most of the machinists have gone up to Detroit and are all employed in Automobile factories.*

*I have heard many things, which do the Maltese very little credit, about the colony in Florida and New Orleans; but I would rather keep silent on the subject until I see things far myself.*

*I would have much more to tell you but time and space oblige me to be short.*

*I heard a short time ago that Mr. Vadalà, is advocating some scheme for sending maltese to Brazil—I hope that before any further steps are taken the maltese Board of Emigration will ask for information on the subject. When travelling as chaplain with Italian emigrants eighteen months ago, I heard most terrible reports about Brazil and coming from good sources too. The Italian Gov. I know was doing its best to prevent emigrants from going there. They become worse than slaves.*

*Two days ago I was dining on my old boat and discussing emigration when I asked the Royal Italian Commissioner what were the prospects in Brazil and this was his answer «Preferirei vedere un lavoratore condannato innocentemente*

*all'ergastolo, che emigrarlo al Brazile dove si promette cielo e terra e non si da altro che fame e schiavitù-» Intelligenti pauca.—a post eard to the Deparment of Italian Emigration will procure all the necessary information about Brazil and it is reliable as coming from the best source.*

*I often wish you were with us here, where you would find a splendid field for your energies. I certainly pity you bottled up in little Malta, where your efforts an only rewarded by ridicule and mockery.*

*Next month I shall begin to lecture again and be kept busy throughout winter. I am booked for several places already.*

*Best regards to Mrs. Levanzin and to you my warmest and sincerest wishes for success. Affly and truly yours*

DON GIORGIO.

* * *

Mela minn dana naraü li il Brazil ma ghandniex ghax inħabblu rasna actar bih ghaliex ma hux ħliet pajjis ta' tbatija u ta' ftit kliegħ ta' flûs. Ghal daûc li jafu is-sengha f'New York ijsibu x'jaghmlu sgur u ghal katta l-oħra li jaħdmu fl-oħxon ma hemmx aħjar m'il Californja. Ghal ġuvintur ta'l iscola id-Dr. Mattei kieghed jirraccmandalhom il Winnipeg f'il Canada u il feħma ta' dana it-Tabib hi ta' min jorbot fukha ħafna tasseû.

Mela jecc temigraü morru f'New York jeû f'il Californja u ma jibdielcomx.

# FRAC.

Niżżi ħajr b'il kalb lil Patri Duminc Azzopardi ta'd-Dumnicani ta'l Birgu m'il faxxicoli li baghatli ta'l ctieb b'il malti li kieghed joħroġ «Il Ħrief Rebbieħa fuk il Ljuni» biex bih ijghallem ftit m'il Istorja glorjusa ta'l Cnisja u chif rebħet lil persecuturi taghha fl-eûûel erba secoli. Hu ctieb interessanti ħafna u li jcun ta' ġid ghal min jakrah u ghalhecc nirraccomandah b'kalbi collha; bħal ma joghġobni ħafna il «Martiri» ta' Chateaubriand li beda joħroġ hu ucoll ghaliex minnu nifhmu chemm iċċarċar demm biex isseddket il Cnisja fl-eûûel żmienijiet taghha.

★

F-Lixandra sejjra timbena Stazjon ta'l Vapur-ta'l-art famusa u ghandhom bżonn ta'l ħagar ta'ż-żonkor u gharrfuni li hemm biċċa ħobż seûûa ghal min jintriga. Min ijrid jibghat xi campjuni u jaghmel xi offerti ghandu jicteb lil: «*The Chief Engineer—Way and Works Dept. — Egypt State Railways—Cairo.*

★

Nirringrazzja b'kalbi collha l'is-Sur Fons Galea ta'l ctieb li baghatli ta'l Moghdija ta'ż-Żmien fuk il ħajja ta' Don Rua, il Ġeneral ta's-Salesjani ûara Dun Bosco. Il ctieb hu sabiħ tasseû u imżejjen b'ħafna stampi. Meta ûieħed jakra il ħajja ta' daûna in-nies ghorrief u kaddisa jintebah chemm kieghed jaghmel ftit biex ijsalva ruħu u jaghmel ġid f'ruħ l'oħrajn u b'hecc jista jitħajjar li jaħtarhom bħala merja tieghu u ta'l ghamil tieghu. Mela cotba bħal dan ma nistax ħlief nirraccomandahom b'kalbi collha lill karrejja tieghi.

Nirringrazzja ucoll lil Mons Can Teol: L. Vella, D.D., ta' Ghaûdex ta' «IR-RUĦ NISRANIJA KUDDIEM GESU' SAGRAMENTAT» li baghatli. Dana il kassis intelliġenti u ta'r-ruħ kieghed ucoll jaghmel ħafna ġid b'il cotba sbiħ li sicûit joħroġ. Nirraccomandah b'kalbi collha.

★

Is-Sur Bert Cesareo, dac iż-żaghżugh intelliġenti li tant jaf tajjeb u jħobb l-ilsien taljan, nhar il Ħadd li ghadda ghamel, f'il Culleġġ Flores, taħdita sabiħa fuk l-OTTO SETTEMBRE li fiha faħħar ħafna l-ghamil kalbieni u patriotticu ta'l glorjusi missierijietna u ûera aħna chemm bkajna l-ura minnhom imħabba f'il misħuta ghejra u tleûûim ta' bejnietna. Dina it-taħdita ġiet imfaħħra, chif ta' b'il ħakk jistħokkilha, minn cullħadd u kala taghha ħafna tfakkigh ta'l idejn minn cull min chien hemm. Prosit!

★

Dac it-taghlim li kieghed inġib fuk il cura ta's-saûm kieghed jintghoġob minn bosta u naf daks ħamsin ruħ li kieghdin jaghmlu b'ġid cbir dina il cura. Ûieħed minnhom laħħak erbghin ġurnata u f'loc li miet tjieb.

— «X'hemm ħej, chemm ili nittxec, ma nsiblecx xi erba biċċiet fukec, hux?»

— «Bħal issa, tarax, fuki ma ghandix.»

— «U id-dar?»....

— (Mghaġġel, imghaġġel) «Cullħadd tajjeb, grazzi; bonsûa, ħej, bonsûa. Sellili ghal Censa.»

Telak dlonc u fittex dar il canturiera.

* * *

Darba ûaħda seftura talbet l'is-sinjur taghha biex jibghatha ġurnata ghal festa ta'l kaddis ta'r-raħal. Ûara li baghatha, u chienet ûaslet il Ħamrun, laħakha is-seftur u kalilha li issinjur ijridha.

—«X'ijrid» saksiet, u reġghet l-ura mkarrsa.

—«Aghlak il bieb ûrajc, u tista tmur ghal festa,» kallha is-sinjur meta ûaslet, «ghaliex int insejtu miftuħ!»

Darba oħra iżda ghallmu ilu, chif ghandu jġib ruħu. Ûieħed ħabib tieghu chien baghatlu ħuta sabiħa ûisk, u dac ir-raġel li ġiebhielu, tefaghha fuk mejda bla ma kal xejn u ħabat ħiereġ il barra. «Stenna fejnu,» kallu is-sinjur «ħalli inghallmec chif ghandec taghmel darb'oħra. Okghod b'il kieghda hemm.» Kieghdu b'il kieghda, niżżel ftit rasu, resak lejh b'il kima u kallu:— «Is-sinjur tieghi sella ghalic ûisk u baghatlec din.» «Atiha, jecc joghġboc, l'is-seftura,» ûieġbu ħafif l-ieħor, u «ħa d'as-sixpens x'tixrob.» Dac is-sinjur, li katt ma chien taħ xejn cull meta ġieblu xi ħaġa, ġabarha ġo fih u ma tchellem xejn.

* * *

Mart ûieħed avucat ma chienx jilħkilha ûisk, iżda xi drabi chienet tghid ħûejjeġ li lankas bniedem gharef ma chien ijghidhom. Darba ûaħda ûara li kalet xi bluha, żeûgha ċantarha, u kallha:— «Milli nara actar ma tmur, actar tiblieħ.»

—«Ghaliex?» ûeġbitu «x'ghedt?»

—«X'ghedt!... Chif?... lankas ma taghraf żiemel minn ħmar!?»...

—«Chif... x'inti tghidli?... Jiena katt ghedt li inti żiemel?»....

# IL CURA TA'S-SAUM

( *Tissocta minn numru ta' kabel.* )

HORACE FLETCHER hu miljunarju american li billi chien ijħaxxex ħafna fl-ichel chien gharrak l-istoncu tieghu u saħħtu b'mod li ma chien sar jisŭa actar ghal xejn. Meta intebaħ mnejn chien ġejj il mard tieghu collu beda jistudja fuk chif ghandu jecol, fejjak l-istoncu, sar jiflaħ daks fart, chiteb ħafna cotba sbiħ fuk hecc biex ijghallem lil oħrajn u kieghed ijkatta ħajjtu jaghmel chemm jista ġid. Dana ipprova il cura ta's-saŭm ucoll iżda billi ghamilha ħażin ftit ħareġ cuntent biha ghaliex meta taghmel cura ghandec timxi fuk dac li jghidulec u m'hux taghmel dac li jiġi f'rasec u imbaghad jecc ma tinfedx tŭaħħal f'il cura. Fletcher tchellem fuk is-saŭma tieghu f'il «*Good Health,*» u kal li kata is-saŭma ghax beda jħossu ghajjien, ilsienu jitħammeġ, nifsu jinten u x'naf jien. Dana jiġri sa jitnaddaf il ġisem u jecc ŭieħed ma jixrobx lankas ilma fl-eŭŭel erba t-ijiem u ma jixrobx ħafna ilma sħun u ma jaghmelx l-enteroclisma cull jum chif jirriccmandaŭ ħafna Bernarr Macfadden, Hazzard, Haskell u Carrington allura il ħmieġ li jcun hemm f'il ġisem ijdum ma joħroġ ħafna u jġib dac li ħass Fletcher,. Chiecu Fletcher ghamel chif ijŭiddbuh il cotba ta' daŭna li tejjku ħafna nies chien ijfittex ijsaffi ġismu m'il veleni u ma chienx ijħoss gheja actar. C. C. Haskell li chiteb ctieb sabiħ fuk is-saŭm imsejjaħ «*Perfect Health*» jakbel ucoll ma' dac li jghid Sinclair li chiecu Fletcher sam saŭma seŭŭa chien ijmur ŭisk aħjar. Haskell jifhem ħafna ghaliex ilu ghal tmintax il sena jiccura in-nies b'is-saŭm. Isimghu x'ijghid:— «*I have followed the no-breakfast-plan for seventeen years without a single break, and I know it has been of exceedingly great value to me. It has also been my privilege and pleasure to advise in thousands of cases covering nearly all forms of disease, and where the Law of Fasting has been followed faithfully, there have always been splendid results. I have fasted a great many times from one day to four weeks, and always the results have been beneficial !* Dana Haskell jirriccmanda ħafna l-enteroclisma ma tul is-saŭma billi jghid li «*the use of the enema is exceedingly important during a fast. I believe that it hastens the cure at least twenty-five per cent, and perhaps more than that.*» Fletcher sam **sbatax** il ġurnata u ġa chien sab ħafna ġid.

* * *

C. C. Haskell fl-istess ittra li chiteb lil Sinclair u li hi miġjuba fl-istess «*The Fasting Cure*» faċċata 250, jsemmi il casi ta' MRS. TARBOX li samet **sebgha-u-tlietin** ġurnata u fieket minn **cancer**, bħal ma fieku ucoll MRS. HOBSON, MR. DAVIS u MRS. OSBORNE. Il Medicina ta'l medicini s'issa ghadha ma sabet l-ebda cura ghall cancer !

* * *

F'dana il ctieb sabiħ mela ta' Sinclair, «THE FASTING-CURE» sibna dakka ta' tliet mitt cas ta' saŭm imsemmija u li il cotra taghhom spiċċaŭ collha b'ŭiċċ il ġid ghad li fosthom chien hemm casi gravi ħafna bħal ma huma daŭc ta't-tubercolosi u ta'l cancer. Inghaddu issa biex nieħdu f'idejna il ctieb sabiħ l-ieħor ta' C. C. Haskell «PERFECT HEALTH» li fih ħafna casi interessanti oħra biex hecc incomplu naraŭ chemm gheġubijiet kieghda taghmel dina il cura tant ħafifa u rħisa li ŭebbilna biha l-imbierec Dr. Dewey li ismu ma jmut katt.

* * *

F'il faċċata 16 ijsemmi il cas ta' fabbricant minn Meadville. Chellu soghla kaŭŭija, it-tobba ordnaŭlu il whisky u beda jlegleg minnha addoċċ. Sar ghadma u ġilda. Dr. Dewey kallu biex jakta il whisky u jsum sa jiġi il ġuħ ŭaħdu. Sama minnu u il ġuħ ġie ŭara tliet tijiem. Fiek u ma' jakdi xoghol ghad li ħadd kabel ma chien ijħallas ħabba ta'l cruċ fih.

* * *

Ħabib tieghu, surmast, chien ilu jŭaħŭaħ ghal ħamsa u ghoxrin sena bl-istoncu tieghu li chien gharrku b'il whisky ucoll. Chien tabbab chemm felaħ biex ijfejjak id-dispepsja nervusa li chellu iżda ma irnexxielux. Meta ra il fejkan ta'l ghaġeb ta' ħabibu ghamel bħalu, kata il whisky u sam sa ġie il ġuħ ŭaħdu u fiek ucoll. Dam sajjem **ħmistax** u ma xorobx fihom ħlief ilma biss. Meta chiel l-eŭŭel darba ma ħass l-ebda uġiegh fl-istoncu tieghu. «*for the first time in twenty-five years his stomach gave him no trouble after eating.*» Barra milli fiek stmerr ix-xorb li chien gharrku kabel. «*Instead of a desire for it, he found the very small amount of liquor to be disagreeable.*» Barra minn dana ħass mibeghda ucoll gha't-tipjip u ma pejjipx actar. Il ġid li taghmel il cura ta's-saŭm jibka sejjer sa tmutlec cull xeŭka ħażina u cull draŭŭa contra is-saħħa bla tbatija ta' xejn.

* * *

C. C. Haskell stess chien tant marid li cullħadd chien kata jiesu minnu li ghandu jghix actar. Marad b'sidru u tilef il pulmun ta'x-xellug, b'nevrastenija kaŭŭija. «*I broke down completely in health, losing the use of my left lung and my nervous system seeming to be a complete wreck.*» Ma dan chellu pneŭmonite, ilma f'sidru, u ghaŭġ ieħor, u ghalhecc it-tobba kalulu biex jitlak ix-xoghol ghaliex ma chienx hemm l-ebda fejkan ghalih. Dam ghal tmien snin ijnin ijnin sa ŭasal fl-aħħar x'ħin ħabib tieghu ŭebblu b'il cura ta' Dr. Dewey u daħal ghaliha b'mod li fiek ghal collox, stampalu il cotba tieghu, u ghadu kaŭŭi u sħiħ ŭara sbatax il sena jiccura in-nies b'is-saŭm li fejjak lilu.

Il mara tieghu chien ilha tbati bl-**asma** u b'il **bronchite** ghal actar minn ħmistax il sena. Tabb'bet chemm felħet iżda ghal xejn. Ghamlet il cura ta' Dr. Dewey bħal żeŭġha u fieket ghal collox hi ucoll. «*She has been a disciple of Dr. Dewey, for nearly seven years, and has never during that time had a single attack of the asthma. A complete cure was wrought and her life is free from asthmatic suffering, and she is rejoycing in Perfect Health*»

* * *

W. T. LANE, Suprintendent ta'l Broadway Congregation Sunday School ta' Norwich chien ilu ghomru collu maħkur bl-uġiegh ta' ras li chien jaghmet xi ħabtiet jaghfsu bl-icreħ tasseŭ. Fl-1894 iltaka ma' C. C. Haskell li ħajjru jsum. L-uġiegh ta' ras fiek ghal collox «*A severe headache which I had almost constantly is completely cured*» Ħassu tjieb ucoll billi nakkas bi 35 libbra il pis li chellu ta' 225. Meta chiteb seba snin ŭara kal:— «*Never from that time until the present moment have I taken a drug of any description, nor have I experienced a day's ilness. No one could induce me to depart from this new method of living. Now at nearly 51 years of age, I feel as vigorous, elastic and hopeful as I did at 21. I shall always be grateful to Dr. Dewey and Mr. Haskell.... This way of living if adopted will prove a great blessing to humanity.*»

* * *

H. C. LANE, ħu dana ta' kabel u ħaddied, chien ilu ghal sitt snin sħaħ ijŭaħŭaħ b'ir-reŭmatismu. Haskell ħajjru jsum iżda Lane imħabba f'ix-xoghol jebes ta's-sengha tieghu kata kalbu. Fl-1896 daħal gha's-saŭma sa ġie il ġuħ ŭaħdu u ma ħa katt actar *breakfast* f'il ghodu u fiek ghal collox. «*After a few months all signs of rheumatism had entirely disappeared and from that day to the present I have had no trouble from that source; nor have I been troubled with any other form of sickness. I have gained twenty-five pounds of solid muscle and am working every day at my business, the blacksmith trade.*» Fuk il cura ijcompli jghid:—«*To me it has proven the fountain of perpetual youth and life is now indeed worth living.*» (*Tissocta*)

«Malli csietu il vampa cbira li chien hemm iddaħħan u ghajjat bħal barri fgat, ghad li ħassejt imsarni niżlu sorra f'gharkubi, tkanżaħt chemm flaħt u ċapċapt idejja bħal l-oħrajn u chelli mitt sena li nara chif neħles minn dic ir-rassa li tghaffġec u minn daŭc id-dħaħen li ħarkulna ghajnejna biex infittex immur ninħeba ġo'l Ŭardija biex ma jintebħux b'xi demgha li chienet xarrbitli ħaddejja.

«Meta ŭaslu b'is-surmast Ghaxak u ra dic il ħuġġieġa tiernak ghalih tŭerŭer b'il biża u beda jitlob chemm jiflaħ ħniena u jghid cliem ta' ndiema li jkankal il klub. L-Iskof Cubelles li chien hemm b'il Cleru u bl-Imħallfin ta's-Santu Offizju ħafirlu iżda iccundannaħ li jilbes il libsa ta'l penitenza imsejħa «ta' San Benit.» Hafer ucoll, ŭara li talbu maħfra u stkarru ndiema kuddiem cullħadd, lil żeŭġ kassisin li chienu iżżeŭġu f'il Cnisja ta' Sta. Marija *ta' Rocca* ta'l Imdina. Is-*San Beniti* ŭara chienu jiddendlu f'il Catidral biex cullħadd jibka jiftacar u jitchexchex, f'il ħtija ta' min libishom.

«L-Iskof Cubelles biex ijghinu ħalli jrażżan lil daŭc li chienu jieħduha contra it-taghlim ta'l Cnisja chien ħatar bħala Vigarju lil Didacu Rodriquez. Duttur f'it-Teoloġija u Fra Cappillan ta'l Ordni u bħala Mħallef tah mieghu lil gharef Dr: Frangiscu Mego. L-Iskof Royas chien ucoll ghamel ħakk minn Rajmondu Calamia talli ma riedx li martu tisma kuddies u talli riedha tiecol il-laħam f'il forz nhar ta' Ġimgha. *

«Bi tbatija cbira ħriġt minn kalb il folla u, actar mejjet milli ħajj, ŭasalt b'dghajjsa ma' oħrajn f'kiegh il Marsa mnejn ħadt caless ghall Ŭardija, fejn sibt lil Żafira imħassba tistennieni billi cont iddaŭŭart ma' mort ŭisk actar m'il ġranet l-oħra.

«Tarraftilha b'id-dmugh f'ghajnejja dac li ghadda minn missierha Żażra u bakghet tibchih il-lejl collu u tat fuk ŭiċċha u tkatta xagharha ghaliex kalet li issa chienu sejjrin jakbdu lilha biex jaħirkuha ħajja ucoll. Jiena sabbartha m'il aħjar li stajt iżda cliemi chien mejjet mejjet ghaliex dic il beżgha chiefra chienet ħabtet tidħol lili ucoll seŭŭa ġo rasi. Ghaddejjna dac il-lejl tŭil bla ma ghalakna ghajnejna xifer ma xifer u meta sebaħ l-ankas ma chelli biss il ħila li nixref barra ghaliex bżajt li sejjer insib il kaddejja ta'l Ingisizjon micluba biex jaħtfuni u jxeŭlħuni ġo dic il ħuġġieġa kalila li ma setghetx ghal ŭakt ŭieħed biss tmur katt minn kuddiem moħħi.»

—«U Żafira x'sar minnha ?» staksih Gaŭci.

—«Barun,» ŭieġbu collu mnicchet it-Tabib Xara «it-tifchira ta' daŭc il ġranet kliel u dak li ġara ŭara lilha u lil Matteŭ Falzun inħossha takklitli ilsieni. Ili ghal erba sieghat nitchellem bla ħeda u nħossni ghejejt. Il-lejla nġabar ħalli nistriħ ftit cmieni iżda natic il chelma tieghi li ghada incomplilec biċċa oħra f'il ħin li ritolboc li tbejjlec ghajnec li ma tmurx iżżerżak xi chelma minn dac li kieghed inghidlec ghaliex sgur li intemm ħajti f'il misħut bir-ta's-schiechen bħal ma ġara lil ħabibi Dun Matt Falzun»....

—«Tajjar da'l ħsieb minn rasec» kallu Gaŭci x'ħin ghafaslu idu. «Kieghed tiftaħ kalbec ma' raġel u ghalhecc ma ghandec l-ebda biża ta' xejn,» u x'ħin kallu hecc sellimlu u ħareġ b'ix-xeŭka kaŭŭija li jfittex jasal l-aghda ħalli jcompli jisma il bkija ta' dic il ġrajja ta' nichet u ta' ghaġeb cbar.»

## XXXVII.

## L-ASSEDJU IL CBIR.

L-aghda, ŭara nofsinhar, it-Tabib Xara mar jittaŭŭal titŭila lil Marija Falzun biex jara ftit chif ghaddiet m'il ħass ħażin li chellha il jum ta' kabel. Sabha donnha ŭarda li tghaxxkec bi ġmielha u ghalhecc sab lil Ambroġ collu ferħan ijdur biha billi ma riedx jitlakha ŭakt ŭieħed biss kabel ma tarġa tinżel m'is-sodda.

Il Baruni Gaŭci chien ras ma' ras ijcecec ma' gharustu Rużanna fuk imħabbithom u Sidor jiddieħak u jitliegheb fuk tapit, b'il ftit griefex li chien ġieblu mieghu Pinu.

Malli daħal it-Tabib Xara collha daru ma' dŭaru u ferħu bih bla tarf; u ŭara li sgurahom li Marija setghet l-aghda tkum ghaliex ma chellha xejn x'ŭieħed ijħaŭŭad rasu bih, bdiet tisħon il kiegħa ta'l cliem sa ma nafx chif issemma l-Assedju il Cbir.

— « Fuk dan jista jghidilna xi ħaġa seŭŭa Ambroġ » kabeż kal it-Tabib «ghaliex chellu seħem fih tasseŭ. Jixrak mela li jaħli siegha maghna u jfehimna ftit x'ghadda m'il imsejchen pajjisna f'daŭc il ġranet ta' tant nichet cbir daks li huma ta' glorja ghalina»....

—«Iva, iva,» tenna minnufih Gaŭci; u Rużanna u Marija ureŭ li jixtieku jisimghu xi ħaġa huma ucoll.

Ambroġ, ghad li ma tantx chien ijħobb jitchellem ŭisk, ra li ma chellux ijnaffarhom fuk ħaġa hecc żghira u ghalhecc beda jghid:—

—«Li it-Toroc chellhom jiġu jaħbtu ghalina conna ilna nisimghuh m'il bidu ta'l 1560. L-irsiera li chien ħaŭna ta' cull ŭaħda chienu jŭasslu f'ŭidnejn il Gran Sinjur it-tgemgim sfiek taghhom li jinsabu maħkura aghar m'il clieb. Soliman chien mimli bl-icreħ ghal La Vallette billi chien jaf li dan chien il precimes biex l-Ispanjoli marru ħabtu ghal Barbarija. Chien jaf ucoll li sa chemm chellu il ghassa ta'l Cavalieri f'Malta l-Africa ta' Fuk ma setghet katt taka ghal collox taħt il ħacma tieghu. Iżda f'idejh chellu x'jobrom b'iż-żejjed b'il ġuerra li chien kankal fl-Ungerija u f'it-Transilvanja u ghalhecc taghna sarrielna f'rocna ghal meta jiġi ŭaktha seŭŭa.»

—«U La Vallette x'ghamel ?» staksa Gaŭci.

—«Dan ma chienx jixbaħ lil D'Omedes» ŭieġbu Ambroġ «u ghalhecc baka b'il ħrara collha jirfed is-sŭar u jħejji ruħu m'il aħjar li sata. Ġieghel lil inġinjeri Baldass Lanza u Miju Genga biex jaghmlu il pjanta ta'l belt il ġdida li chien bi ħsiebu jibni fuk il Gholja ta' Xiberras. Talab xi ħaġa ta'l flus lil Papa Piju Erbgha u billi dana ma chellux f'idejh ta indulgenza lil cull min ijghin b'idejh jeŭ b'ġidu ghall bini ta' dina il belt u b'hecc ghamlilna ġid m'hux ftit.

*(Jissocta)*

---

* *Dana li ctibt fuk l-Ingisizjon u l-Iskfijiet Cubelles u Royas ħadtu m'il «Vita del Gran Maestro La Cassiere» ta'l gharef Malti Fra Salvatore Imbroll, storicu ta'l Ordni u li laħak saħansitra Gran Priur; m'il opra ta'l Patri Sebastiano Salelles « De Materiis Tribunalis Sanctae Inquisitionis,» u m'il « Istoria di Malta » ta'l Prof. Vassallo li jġib dac collu li ghidna fuk Gesualdo u Ghaxak u iż-żeŭġ kassisin chelma b'chelma; barra minn fuk Żażra li ma ghix katt u li hu ħolkien taghna. Daŭc iż-żminijiet chienu imgharrka ħafna u jiena dana ġibtu biss ghaliex billi imxejt pass pass ma'l istorja taghna deħirli li b'hecc tifhmu aħjar chif chienu msaŭŭra daŭc iż-żmienijiet.*

# St. PAUL'S INSTITUTE

**28A, Strada St. Ursola — Valletta.**

Dana l'Istitut, imŭakkaf m'is-Sur Cesareo fl-1878, u minn ŭara il meŭt tieghu riformat u dirett mir-Reverendu Dun Ġŭann Gauci, M.A., DD., meghjun minn Dun Ġusepp Darmanin B. Lit., DD., Surmast fis-Siminarju, u minn sitt Surmastrijiet oħra seculari, biex jipprepara tfal ghal-Liceo, gha's-Seminarju u gha'd-Dockyard, raġa fetaħ, ŭara il vaganzi, fl'4 ta' Settembru li aħna fih.

Daŭc il ġenituri illi jixtieku jdaħħlu l'uliedhom f'dan l-Istitut huma mitlubin li jieħduhom fil ghodu m'id-9 sa nofs inhar.

X'ijsir f'dan l'Istitut juru biċ-ċar ir-risultati sbjeħ li chellu fl-aħħar esamijiet ta'l-Liceo fejn m'il ghaxra li ippresenta ghaddeŭ tmienja b'punti gholjin ħafna.

Aħna billi nafu chemm hi cbira il ħila ta's-Surmastrijiet li hemm ijghallmu nirraccomandaŭh b'kalbna collha.

## SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso javża lill clientela tieghu li biex ijcun jista jakdiha ahjar minn Raħal Ġdid niżel jokghod il Belt, fil Strada Stretta Nu. 156, cantuniera ma' Strada San Giovanni u fejn hu armat b'cull xorta ta' ghodda moderni u m'il ahjar biex ijcun jista jaghmel bridge u crown work, u xoghol fuk il metal chif ijmiss u bi prezzijiet moderati tasseŭ.**

*Sejjer Johrog'*

# IR-RUH NISRANIJA
# KUDDIEM GESU' SACRAMENTAT

## SIEGHAT TA' ADORAZJONI

TA'L

## CAN: TEOL: LUIGI VELLA, D.D.

TA GHAŬDEX.

Dina l-eŭŭel taksima ta' dana il ctieb tant sabiħ u meħtieġ ghal min ijrid ijsalva ruħu sejjra toħroġ gha't-tieni darba billi l-eŭŭel ħarġa inħatfet fi żmien kasir, ghad li minnha chien ġie stampat ghadd cbir ta' copji. Billi ħafna talbu lill imfaħħar chittieb b'il malti Can: Vella dara tħajjar jiġbor l-imsieħbin biex jecc ijsib b'iż-żejjed jarġa joħrogha. Ma dac li chien fiħ kabel bi ħsiebu jżid xi ħaġ' oħra. Jcun ijkum XELIN U ERBA SOLDI mal cunsinja u ghal min ma jcunx imsieħeb actar. Il-legat u indurat xelin u ghaxar soldi: Min jissieħeb fi tnax il copja jieħu uaħda oħra b'xejn.

Min ijrid jissieħeb jista jicteb ucoll lili jeŭ lil Can: Vella, Strada Sabina, Città Vittoria Ghaŭdex. Dana il ctieb ta' chittieb tant gharef nirraccomandahulcom b'kalbi collha.

Min ijrid jixtri macna ta't-tħin u ta'l ghaġin moderna *uso Napoli* jmur fejn hi kieghda, Strada Reale, No. 10, f'Ħa'ż-Żebbuġ.

# TÈ TA CEYLON
# 'MARAVILLA'

## IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI TAD-DEHEB

GHAL

## KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

# JINBIEGH 1s. 8d. & 1s. 10d. IR-RATAL

GHAND L'AGENTI F'MALTA

# C. CAMILLERI & SONS

## 50 u 51 Strada Mercanti il Belt

CAMPJUNI TA DAN IT-TE' JINTGHATAU B'XEJN.

# BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

INJAM

**ta'l ahmar, ta'l abjat, u ta'l caûba.**
**Collox m'il irhas u m'il ahjar.**

BRITANNIA

---

Biex tinzammu b'sahhitcom

IPPURIFICAU

BIDDLU

u SAHH'HU

DEMMCOM

BID

# DEPURATIV RICHELET

Daûc collha li jridu jiccuraû rûieħhom u jinżammu dejjem b'saħħitom minngħajr ma jinħakru b'cull xorta ta' mardijiet għandhom jieħdu DARBTEJN jeû TLIETA fis-sena minn din il medicina DEPURATIV RICHELET li jista jingieb minn għand dan is-sinjur:—

Monsieur L. RICHELET, 13, rue Gambetta, SEDAN (Franza).

Haûn Malta jinxtara minn għand **L-Ispizzjar Alfredu Cumbo** ta' Strada Rjali, 26. Il Belt.

---

Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu



**L'ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ûara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaûûi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaûûija. Daûna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaûh fukhom stess jeû fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

---

# Is-Sur Raff: Bonello

TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

**(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)**

għandu għal bejħ cull xorta ta' ħgieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħûejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tûiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il imatel b'daûl kaûûi u sabiħ ûisk u ħafna ħûejjeġ oħra bħal daûn ta'l aħjar qûalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaû biex taraû chif toħorġu cuntenti sgur.

---

MIN IJRID IJNADDAF IR-RAM JEŪ METALLI OHRA BI RHIS HAFNA, B'LUSTRU M'IL ISBAH U MINN GHAJR EBDA PERICOLU TA' HRUK GHALIEX MA FIHX NAFTA BHAL L-OHRAJN NIRRACCOMANDALU IL

**METAL POLISH "PHONIX"**

LI JINBIGH GHAND L-ISPIŻŻJAR ALFREDU CUMBO TA' STRADA REALE, KUDDIEM IL CLUB, IL BELT, GHALIEX META IPPRUVAJTU SIBTU TAJJEB TASSEŪ, IRHIS U BLA PERICOLU LI TISTGHU TINHARKU BIH.

---

# IS-SECLU TA'N-NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haûn ħadd li ma hux maħsus b'in-nervi u l-actar b'il misħuta**

NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seûûa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Hafna ippruvaû iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ûara studju cbir sab il famus**

ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeû jagħmel il gid lil cull min jużaħ.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**IPPRUVAÛH GHALIEX MA JIBDIELCOMX!**


---

In-"Nahla" tistampa ruħha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.